# TNEHID IL-BAHAR

Sunett ta' P. Ġ. DELIA, S.J.

*Mill-baħar iswed li mal-blat tal-plajja*
*Jħabbat bla serħien tal-lejl fis-skiet,*
*Smajt ġej bħal krib... donnhom erwieħ bil-qtajja'*
*Jgħollu leħinhom minn ġo qiegħ l-ilmiet.*

*Erwieħ li ċarċru d-demm u taw il-ħajja*
*Għall-ħaqq w is-sewwa w intemmew fil-ġlied;*
*Li żejnu b'mewthom ta' gżiritna l-ġrajja*
*B'egħmil li jibqa' ħaj fiż-żmenijiet.*

*Mal-mewġa tħaxwex, b'għajta bħal tnehida,*
*Iridu jfissru xenqiet qalbhom kbira:*
*Li jqumu biex jingħaqdu fit-taqbida.*

*U jerġgħu minn ġos-swar li jħarsu l-Gżira,*
*Juru bix-xwabel imċappsin bid-dmija,*
*X'tiswa l-qilla li tixgħel f'qalb Maltija.*

*6 ta' Diċembru, 1942.*